MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 69/2014

**AB**

**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi il-partijiet izzewgu fit-tlieta u ghoxrin (23) ta’April tas-sena 1983 u dan hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg taghhom li kopja tieghu qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok A ;
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal M, Tu D li illum huma kollha maggorenni ;
3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Michela Sammut tad-dsatax (19) ta’ Novembru tas-sena 2008, kopja ta’liema qed tigi annessa u mmarkata bhala ‘Dok B’ u ghalhekk il-partijiet ilhom separati de facto ghal iktar minn erba’ snin ;
4. Illi m’hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erba snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;
5. Illi kemm il-partijiet kif ukoll uliedhom ghandhom dhul adegwat ghalihom, u inoltre m’hemm ebda kwistjoni pendenti bejn il-partijiet ;
6. Illi jirrikorru l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet ;

Talbet ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija li l-intimat jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m’ghandhiex :

1. Tiddikjara z-zwieg ta’ bejn il-partijiet, li sehh fit-23 ta’ April tas-sena 1983, bhala zwieg mahlul ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-Ligi, u dan taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti joghgobha xierqa u opportuni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta’ Marzu, 2014;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-19 ta' Novembru 2008;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------